# “MIN JAF LI RĊIEVA ĦAFNA, JIRRINGRAZZJA. MIN MA JAFX LI RĊIEVA ĦAFNA, IGERGER.”



## MILL-OMELIJA TA’ MONS. ISQOF ANTON TEUMA F’GĦELUQ IS-SENA TA’ FORMAZZJONI

Kemm hi qawwija u vera dik il-frażi ta’ Ġesù meta jgħid illi l-Missier jibgħat ix-xita tiegħu sew fuq it-tajbin u sew fuq il-ħżiena. Il-Missier iħobb mingħajr ma jħares lejn l-uċuħ, iħobb mingħajr ma jistaqsi jekk nimmeritawx din l-imħabba. Naħseb illi aktar ma nkunu konxji minn din il-verità, aktar nistgħu ngawdu l-imħabba ta’ Alla. Ħafna drabi aħna ngħixu bil-pretensjoni li aħna tajbin u nippruvaw nagħmlu dak kollu li hu mitlub minna. Nippruvaw ngħixu kif jixtieq minna Alla. Allura naħsbu li Alla jrid iħobbna bi dritt. U nidħlu f’dik l-illużjoni. Ħafna drabi l-ħajja tagħna hija mibnija fuq inganni kbar u mingħajr ma nindunaw ngħixu f’gidba. Spiss ngħixu fil-gideb u *ma nindunawx* li qed ngħixu fil-gideb. U din hija waħda minnhom: meta nimmaġinaw li aħna tajbin u jistħoqqilna l-imħabba ta’ Alla. Fl-istess waqt, meta nagħrfu li ma jistħoqqilniex din l-imħabba, li aħna dgħajfin, inkunu nistgħu ngawdu aktar il-gratwità tal-imħabba li Alla għandu għalina. Jien ma jistħoqqlix u Alla lili jħobbni xorta. Jiena naħseb li dan huwa l-qofol tal-messaġġ li aħna msejħin biex inwasslu, il-messaġġ Kristjan tal-gratwità tal-imħabba ta’ Alla għalina. Però hija esperjenza li rridu nagħmluha aħna l-ewwel. Jekk din l-esperjenza ma nagħmluhiex l-ewwel aħna, tiġi furzatura. Nispiċċaw nippritkawha bit-tqanżih jekk aħna ma nagħmlux esperjenza fuq il-ġilda tagħna, fuq il-persuna tagħna, tal-imħabba b’xejn ta’ Alla għalina. Din hija neċessarja. Dan il-vanġelu (*Mt* 5,43-48) jitlobna li aħna naħfru, li nitolbu għall-għedewwa tagħna, inħobbu lill-għedewwa tagħna. Hawn jinbena kollox.

Ma nafx jekk tiftakrux meta kien hemm dik il-mara li nqabdet f’adulterju, fil-fatt, fil-kapitlu 8 tal-vanġelu ta’ San Ġwann. U x’ġara? Dawn il-Fariżej ħaduha quddiem Ġesù li kien bilqiegħda jikteb fit-trab u qalulu: “Mgħallem, din qbadniha fil-fatt. X’nagħmlulha? Għax skont il-liġi ta’ Mosè din irridu nħaġġruha.” Jiġifieri hemmhekk żgur li ma kienx hemm maħfra. Żgur li ma kien hemm l-ebda ħjiel ta’ aċċettazzjoni ta’ din il-mara li tiżbalja, ta’ ħniena lejha. U x’jagħmel Ġesù? Ġesù jagħmel eżerċizzju li ħafna drabi għandna bżonn nagħmluh aħna. Jgħidilhom: “Iva, għandkom raġun. Issa, min m’għandux ħtija jitfa’ l-ewwel ġebla. Min m’għandux dnub jitfa’ l-ewwel ġebla.” U dawk x’jgħidilna li għamlu l-vanġelu? Ibda mill-aktar anzjani, bdew jitilqu u jħallu l-ġebla hemm. U bir-raġun għaliex l-anzjani forsi wara tant żmien daħħluha f’moħħhom li anke huma għandhom id-dnubiet. Iż-żgħażagħ le! Dawk ħaduha naqra aktar bil-mod sa xħin telqu l-ġebla u marru bil-mod. Għax iż-żagħżugħ hu aktar diffiċli għalih li jgħaqqad flimkien ħajtu bl-iżbalji mat-tajjeb. Iż-żagħżugħ *jisplittja* ħafna: jew kollox tajjeb jew kollox ħażin. Ikun għadu ma għaqqadx flimkien il-ħajja kollha kemm hi fil-persuna tiegħu. Interessanti għaliex il-vanġelu jgħallimna li l-ewwel ħaġa li aħna rridu nagħmlu biex naħfru hi li nindunaw li m’aħniex bla ħtija, li m’aħniex perfetti. U l-maħfra ma tiġix furzatura, imma tiġi naqra aktar naturali. Ġesù jirreaġixxi b’mod tal-għaġeb. Hi xi ħaġa li tħallik b’ħalqek miftuħ kif Ġesù lill-bniedem iġibu f’tiegħu. U dawn x’għamlu? Ħallew il-ġebla hemm u telqu. U hekk beda l-proċess ta’ maħfra, il-proċess tal-aċċettazzjoni tal-ieħor li jiżbalja. Interessanti li din hi l-istess attitudni ta’ Alla. Alla jibgħat ix-xemx tiegħu fuq it-tajbin u fuq il-ħżiena. L-imħabba tiegħu hija mingħajr kundizzjoni. U aħna, għeżież seminaristi, għeżież saċerdoti, imsejħin mhux biex nippritkaw imma biex ngħixu din ir-realtà, biex nagħmlu din l-esperjenza. Kontinwament inħossu fuqna l-maħfra ta’ Alla li jħobbna gratwitament, li ħalaqna b’xejn. Ma ħallasna xejn biex qegħdin hawn. Ma nagħtuh xejn. Meta ngħixu din l-esperjenza fil-verità u nħossuna tassew milqugħin u maħbubin minnu, dan iħalli konsegwenzi fl-għemil tagħna, fis-sensazzjonijiet li ngħixu. Id-dwejjaq, l-inkwiet, il-ferħ, is-sens ta’ radd il-ħajr, ikunu differenti. Min jaf li rċieva ħafna, jirringrazzja. Min ma jafx li rċieva ħafna, igerger, jeqred. U aħna qegħdin hawn biex ngħinu lilna nfusna u lill-oħrajn nindunaw li Alla tant iħobbna. Aħna tant aħna importanti għalih, li tana kulma aħna u kulma għandna u jixtieq li din l-esperjenza ma ngħixuhiex biss aħna imma jgħixuha ħafna oħrajn.

Jien nixtieq flimkien magħkom nirringrazzja lil Alla tas-Seminarju... Grazzi għad-Djoċesi u għall-Knisja, imma grazzi anke għas-seminaristi u għall-familji tagħhom. Kollox don, kollox rigal. Meta nippruvaw nieħdu l-ħajja b’dan il-mod, nagħmluha aktar sempliċi u sabiħa, aktar inroddu ħajr lil Alla u aktar noqogħdu attenti biex ma nweġġgħux lil xulxin.

sem&u

Lulju 2023
Ħarġa nru 24

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta’ Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex 2155 6479
rector.seminary@churchingozo.mt
www.sacredheartseminary.org.mt

# GĦOTJA U VERITÀ

## KELMTEJN TAS-SAĊERDOT NOVELL DUN MATTHEW BAJADA FIL-BIDU TAL-MINISTERU PRESBITERALI TIEGĦU

“Minħabba fihom nagħti ħajti, biex huma wkoll ikunu mqaddsin permezz tal-verità.” (Ġw 17:19). Dawn huma l-kelmiet mislutin mit-talba sabiħa li Ġesù ressaq lil Alla l-Missier għad-dixxipli tiegħu f’dik il-lejla tant profonda tal-aħħar ċena. Hija l-frażi li fil-perjodu ta’ qabel l-ordinazzjoni Presbiterali tiegħi, proprju nhar il-Ġimgħa 12 ta’ Mejju li għadda, dawwlitni ftit mhux ħażin. Kienet frażi li permezz tagħha tlabt u għadni nitlob lil Alla żewġ grazzji partikulari: dik tal-għixien tal-għotja u x-xandir tal-verità fil-ministeru saċerdotali tiegħi. Issa ilni aktar minn xahar li ġejt mogħti dan id-don hekk kbir tas-saċerdozju u nistqarr li ġo fija qed inħoss ferħ u gratitudni quddiem Alla u quddiem diversi persuni. Qed nagħraf li, anke jekk fid-dinja tallum il-verità forsi qegħda tiċċajpar jew tiġi mmanipulata, hemm bżonn ta’ bnedmin li jgħinu lil bnedmin oħra jiltaqgħu ma’ Kristu filwaqt li jdawwlu l-ħajja tagħhom u joffrulhom ħniena u tama. Dawn il-bnedmin huma s-saċerdoti.

Il-mod li permezz tiegħu għaraft ix-xewqa li nagħti ħajti permezz tal-ministeru saċerdotali ma nistax norbtu ma’ mument partikulari, imma nħoss li kien proċess. Qabel dħalt is-Seminarju, bl-għajnuna tat-talb u d-direzzjoni spiritwali, ippruvajt nifhem x’kienu x-xewqat u l-mistoqsijiet li kelli f’moħħi u f’qalbi. L-eżempji sbieħ tal-ħajja tal-familja tiegħi u ta’ xi saċerdoti li kont niltaqa’ magħhom komplew inisslu u jsaħħu fija x-xewqa profonda li niddedika ħajti għall-Mulej u għall-oħrajn. Iż-żmien li qattajt fis-Seminarju nħares lejh bħala żmien providenzjali ħafna li għinni nikber f’kull aspett. Fis-Seminarju, l-ewwel u qabel kollox, sirt naf aħjar lili nnifsi. Biex stajt nimxi ’l quddiem ridt naċċetta lili nnifsi kif jien u, bl-għajnuna ta’ ħafna mezzi u persuni, stajt inħares ’il quddiem lejn ħajja ta’ għotja. Is-Seminarju jlaqqgħek ukoll ma’ diversi persuni u ċirkustanzi li jgħinuk tikber, tiltaqa’ ma’ Alla, u tiskopri aħjar id-don tas-sejħa tiegħU għalik. Dan kollu jagħmel mis-Seminarju esperjenza unika u irrepetibbli, liema esperjenza wasslitni sal-ġurnata tal-ordinazzjoni Presbiterali tiegħi; ġurnata li xħin inħares lura lejha nqabbilha ma’ ħolma. Dakinhar kelli ħafna emozzjonijiet ġo fija. Kont ferħan u eċitat, u xi ftit biża’ ma naqsitx ukoll. Però fuq kollox l-isbaħ emozzjoni li kelli kienet dak is-sens ta’ paċi kbir li kelli; il-konvinzjoni li qiegħed inwettaq dak li Alla jrid minni. Dak il-ħin lill-Mulej tlabtu jgħinni biex bħal Marija nintelaq f’idejH biex ngħix b’fedeltà l-‘iva’ tiegħi.



Ħafna persuni qaluli li s-saċerdot għandu triq iebsa u mimlija sfidi. Jien inħoss li, bħal kull vokazzjoni oħra tal-ħajja, kull sfida hija opportunità u l-opportunitajiet qegħdin hemm biex tisfruttahom. Huwa naturali li l-bniedem jibża’ quddiem l-isfidi tal-ħajja. Xi drabi l-bniedem jagħraf li ma jkunx kapaċi jwettaq il-vokazzjoni tiegħu u jagħraf ukoll il-piż li jkun dieħel għalih. Fil-każ tal-ħajja saċerdotali, is-saċerdot għandu jkun dak li joffri alternattiva speċjali għall-bniedem tallum li għandu ħafna minn fejn jagħżel. Din l-alternattiva speċjali m’hi ħadd ħlief il-persuna ta’ Ġesù Kristu. Anke jekk id-dinja tallum għamlet ħafna żviluppi, Ġesù jibqa’ validu u huwa l-unika soluzzjoni għall-vojt li l-bniedem qiegħed jgħix.

Is-saċerdot jibqa’ bniedem bid-dgħufijiet, imma li permezz ta’ ħajtu jista’ verament ikun dak il-pont bejn Alla u l-bniedem. Forsi hemm min – fost id-diversi toroq li toffri l-ħajja – qiegħed jikkunsidra t-triq tal-ħajja saċerdotali. Din tal-aħħar hija triq li tista’ tidher bħala waħda twila, iebsa, u li tbeżża’, speċjalment fi żminijietna, imma żgur li jekk il-Mulej isejjaħ Hu jagħmel dan għall-akbar ġid tal-bniedem. Il-Mulej tassew jinqeda bil-persuna sħiħa u jagħti dak kollu li hu meħtieġ biex dik il-persuna tkun tista’ tgħix is-sejħa tagħha.

# MILL-GĦATBA ’L ĠEWWA...

Nhar it-Tnejn 17 ta’ April is-seminaristi rritornaw lura s-Seminarju wara l-vaganzi tal-Għid għall-aħħar term ta’ din is-sena formattiva.

Il-Ħadd 23 ta’ April, li kien it-Tielet Ħadd tal-Għid, il-komunità tas-Seminarju organizzat ir-raba’ edizzjoni ta’ ‘Festa Abbatini’ fuq iz-zuntier tas-Santwarju tal-Madonna ta’ Pinu. Is-seminaristi ppreparaw laqgħa għall-abbatini u l-gruppi tal-vokazzjonijiet Għawdxin, waqt li Dun Krystof Buttigieg mexxa laqgħa għall-ġenituri tal-abbatini fis-sala ta’ taħt iz-zuntier. Wara kien hemm diversi logħob u attivitajiet.



Nhar il-Ħamis 27 ta’ April saret laqgħa fil-*conference room* tas-Seminarju għall-istaff akkademiku tas-Seminarju. F’din il-laqgħa jiġi diskuss l-andament tal-aspett akkademiku fis-Seminarju. Wara l-lekċerers kienu mistiedna jibqgħu għall-ikel flimkien mal-*formators* u s-seminaristi.



Nhar il-Ħadd 30 ta’ April kien Jum il-Vokazzjonijiet. F’din il-ġurnata l-komunità tas-Seminarju ngħabret fil-knisja parrokkjali ta’ Għajnsielem għall-quddiesa tal-10.00am li tmexxiet mill-Isqof Anton Teuma. Matul din il-quddiesa sar ir-rit tal-ammissjoni tas-seminaristi Matthew Borg u Franklin Micallef fejn l-Isqof laqagħhom formalment bħala kandidati għall-Ordni Sagri.

In-Nunzju l-ġdid għal Malta, Mons. Savio Hon Tai-Fai, għamel l-ewwel żjara uffiċċjali tiegħu fid-Djoċesi tagħna nhar l-Erbgħa 3 ta’ Mejju. Fost l-oħrajn, hu żar is-Seminarju fejn iltaqa’ mal-Isqof u mall-Kulleġġ tal-Kappillani u wara l-komunità tas-Seminarju ngħaqdet magħhom għall-pranzu fir-refettorju.

Nhar is-Sibt 6 ta’ Mejju l-komunità tas-Seminarju għamlet il-pellegrinaġġ annwali lejn is-Santwarju tal-Madonna ta’ Pinu li beda fis-6.30am. Matul il-pellegrinaġġ tlabna r-rużarju. Meta wasalna fis-Santwarju ċċelebrajna l-quddiesa u waqt il-quddiesa d-djaknu Matthew Bajada għamel il-wegħdiet tiegħu bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali u Matthew Borg u Franklin Micallef għamlu l-wegħdiet tagħhom bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Djakonali.



Nhar il-Ħamis 11 ta’ Mejju saret il-velja ta’ talb bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali tad-Djaknu Matthew Bajada fil-grawnd tal-iskola tas-Seminarju Minuri. Wara l-velja tkompla lejl ta’ adorazzjoni fis-skiet fil-kappella tas-Seminarju Maġġuri. L-għada, il-Ġimgħa 12 ta’ Mejju, Matthew Bajada ġie ordnat saċerdot minn idejn l-Isqof Anton Teuma fil-Katidral ta’ Għawdex.



Nhar l-Erbgħa 17 ta’ Mejju l-komunità tas-Seminarju ċċelebrat quddiesa fil-Bażilka tal-Patroċinju fl-Għasri fl-okkażjoni tal-għeluq tal-laqgħat tal-ministeri. Dawn huma laqgħat li jsiru kull nhar t’Erbgħa u din is-sena kienu jitrattaw il-virtù tal-fidi għal tal-ewwel sena, il-kunsill evanġeliku tal-kastità għal tal-ħames sena u l-kunsill evanġeliku tal-faqar għal tas-sitt u tas-seba’ sena.

Ġiet organizzata ħarġa f’Malta nhar is-Sibt 27 ta’ Mejju. Bdejna l-ġurnata billi żorna lil Sr Mary Borg FCJ fil-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani fl-Imġarr. Sr Mary kienet parti mill-komunità tas-sorijiet fis-Seminarju tagħna bejn is-snin 2019-2021. Wara kellna laqgħa mal-Papàs Martin Zammit li jmexxi l-komunità tal-Kattoliċi Griegi f’Malta. Hu kellimna dwar l-istorja tagħhom f’Malta u l-ħidma pastorali li qed iwettqu. Żorna wkoll il-wirja tat-Tapezzeriji fil-Kon-Katidral ta’ San Ġwann. Għalaqna bl-ikel flimkien mal-komunità tas-Seminarju ta’ Malta.



Nhar il-Ġimgħa 2 ta’ Ġunju kien l-aħħar jum ta’ lekċers għas-sena formattiva 2022/23. Dakinhar filgħaxija l-komunità għalqet il-ġurnata b’quddiesa fil-kappella tas-Seminarju li tmexxiet mis-saċerdot novell Dun Matthew Bajada. Wara sar BBQ ġewwa għalqa f’Marsalforn fejn anke tajna tislima lil Dun Matthew fi tmiem il-formazzjoni tiegħu.



L-eżamijiet tat-tieni semestru bdew nhar it-Tlieta 6 ta’ Ġunju 2023. Matul dawn il-jiem is-seminaristi jsegwu programm kemmxejn differenti sabiex ikollhom aktar ħin allokat għall-istudju.

Nhar il-Ġimgħa 16 ta’ Ġunju s-seminaristi ngħaqdu mal-kleru Għawdxi għal siegħa adorazzjoni f’Jum il-Qdusija tas-Saċerdoti li ssir kull sena fil-parroċċa tal-Fontana.

Il-quddiesa u l-festin ta’ għeluq is-sena formattiva saru nhar it-Tlieta 20 ta’ Ġunju 2023. Il-quddiesa tmexxiet mill-Isqof Anton Teuma. Mas-seminaristi, il-formators u s-sorijiet ingħaqdu l-ġenituri tas-seminaristi, il-ħaddiema, il-volontiera tas-Seminarju u l-Aħwa Ħbieb tas-Seminarju.



Il-velja bi tħejjija għall-ordinazzjoni djakonali saret nhar il-Ħamis 22 ta’ Ġunju fil-Bażilka ta’ Marija Bambina, ix-Xagħra. Tmexxiet mir-Rettur Dun Richard N. Farrugia u l-kant kien f’idejn grupp ta’ żgħażagħ mill-parroċċa.

Il-Ġimgħa 23 ta’ Ġunju s-seminaristi Matthew Borg u Franklin Micallef ġew ordnati djakni minn idejn l-Isqof Anton Teuma fil-Katidral tal-Assunta.



Bejn is-26 u t-28 ta’ Ġunju s-seminaristi attendew għal kors ta’ First Aid li sar fis-Seminarju stess u li tmexxa mis-Sur Mark Xerri. Matul din il-ġimgħa wkoll, is-seminaristi wettqu xi xogħol fil-Biblijoteka tas-Seminarju.

Il-vaganzi tas-Sajf bdew nhar is-Sibt l-1 ta’ Lulju. Matulhom is-seminaristi jagħmlu diversi esperjenzi ta’ pastorali u ta’ volontarjat kemm f’pajjiżna kif ukoll ’l barra minn xtutna. Ikollhom ukoll ħin għall-familjari tagħhom u għall-mistrieħ.

**Errata Corrige**

B’referenza għal dak li kien hemm miktub f’ħarġa nru 23, l-irtir tal-Ġimgħa Mqaddsa sar mit-2 sal-5 ta’ April u tmexxa minn Dun Kevin Schembri.